MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 309/2008

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Paul Miruzzi)

vs

Darren Bonello

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 64690(M) li hu akkuzat talli:

1. fil-11 ta’ April 2008 u fil-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali;

2. fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewxa jingabru f’numru zghar jew aktar, sabiex jaghmlu reat;

3. fl-istess perjodu, lok, hin u cirkostanzi pubblikament, xewwex persuni ohra biex jaghmlu reat;

4. fl-istess perjodu, lok, hin u cirkostanzi pubblikament xewwex lil persuni ohra biex jiksru l-ligi;

5. fl-istess perjodu, lok, u cirkostanzi dolozament xerred ahbarijiet foloz illi x’aktarx allarmaw lill-pubbliku jew kissru l- bon ordni pubbliku jew l-paci pubblika inkella gabu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku;

6. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, ikun f’ikun il-post li minnu jorigina dan l-istampat, jew bil-mezz ta’ xi xandir instiga direttament l-ghemil ta’ xi reat;

7. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, ikun x’ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta’ xi xandir xerred ahbarijiet foloz illi setghu allarmaw l-opinjoni pubblika, jew iddisturbaw il-bonordni jew il-paci pubblika, jew setghu holqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku;

8. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Dina l-kawza ghandha bhala sfond il-protesta li giet imsejjha mill-Assoccjazzjoni tal-Kaccaturi u Nassaba aktar kmieni din is-sena.

L-imputat qieghed jiffaccja numru ta' akkuzi xi whud ta' natura anka serja li però mill-istqarrija rillaxxjata, jekk jirrisultaw, jidher li m'humiex tal-gravità kontestata lilu.

L-imputat izda ghazel li jammetti l-akkuzi, liema ammissjoni hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Fuq dina l-ammissjoni l-Qorti qeghda ssibu hati.

Rat l-Artikoli 83A, 68(1), 70, 82 u 17 tal-Kap 9 u wara li qieset is-sottomissjonijiet maghmula quddiemha, partikolarment dawk tal-prosekuzzjoni tiddeciedi li tillibera lill-akkuzat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sitt xhur mil-lum sakemm hu ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------